MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 107/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera CGU Insurance plc ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Caruana**

**vs**

**Oliver Ruggier**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 ta' Frar tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun kkundannat:**

**1. Ihallas is-somma ta’ Lm2,676.00,0 rapprezentanti danni sofferti mill-assigurat ta’ l-attur fil-proprjeta’ tieghu ‘Arkadia’, Mosta Road, Attard bejn Novembru 1999 u Jannar 2000 minhabba l-istat li l-konvenut zamm il-propjeta’ adjacenti minnu detenuta;**

**2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni komprizi dawk ta’ ittra ufficjali tad-29 ta’ Novembru tas-sena 2001;**

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-8 ta’ Marzu tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap.16);**

**2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ attrici trid fl-ewwel lok tipprova l-mandat taghha tas-socjeta’ estera msemmija u s-surroga fid-drittijiet pretizi;**

**3. Illi di piu` u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti m’huwiex il-legittimu kontradittur stante illi l-proprjeta’ msemmija fl-avviz odjern mhijiex proprjeta’ appartenenti lill-istess eccipjenti;**

**4. Illi in meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, qatt ma gew ikkawzati danni minhabba l-istat tal-istess proprjeta’ imsemmija;**

**5. Illi di piu` u minghajr pregudizzju ghall-premess, in ogni kaz jekk effettivament saru xi hsarat, dawn mhumiex imputabbli lill-eccipjenti stante illi kienu s-sidien stess tal-proprjeta’ adjacenti li qabdu lill-kuntratturi Donald Pace, u l-ahwa Bugeja fost ohrajn sabiex jaghmlu xi xogholijiet, u ghaldaqstant**

**semmai ghandhom iwiegbu huma ghall-hsara li kkawzaw;**

**6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attrici;**

**7. Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-fond "Arcadia", Triq il-Mosta, H'Attard huwa proprjeta' ta' Joseph Caruana u fil-perjodu meta l-istess fond sofra d-danni meritu ta' din il-procedura dan kien sitwat hdejn fond adjacenti proprjeta' allegatament tal-konvenut;**

**2. Illi effettivament jirrizulta li dan il-fond tal-konvenut kien sussegwentement twaqqa' u nbena mill-gdid;**

**3. Illi minflok dan il-fond inbena hanut fl-ewwel sular u zewg "maisonettes" fuqu;**

**4. Illi meta dan l-istess fond allegatament tal-konvenut kien ghadu fi stat ta' kostruzzjoni**

**ghamlet kwantita' ta' xita u konsegwenza ta' l-istess ir-residenza ta' Caruana soffriet danni ingenti;**

**5. Illi din ir-residenza ta' Caruana kienet assigurata mas-socjeta' attrici li wara l-verifiki necessarji ghamlu tajjeb ghall-hsarat sofferti mill-istess Caruana li minn naha tieghu issuroghom fid-drittijiet kollha tieghu, (ara s-surroga in kwistjoni a fol 29);**

**6. Illi permezz ta' ittra ufficjali datata d-29 ta' Novembru tas-sena 2001 is-socjeta' attrici interpellat lill-konvenut biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni li ghamlet tajjeb ghalihom;**

**7. Illi stante li l-konvenut baqa' inadempjenti s-socjeta' attrici kienet kostretta tipprocedi gudizzjarjament;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi jirrizulta wkoll li hekk kif saret il-hsara in dizamina l-konvenut kien informat u mill-ewwel ha hsieb jibghat haddiema li kienu qed jahdmu fil-fond adjacenti biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni;**

**Illi jirrizulta di piu` li l-istess konvenut kien ukoll ha l-izbriga li jikkuntattja lil Caruana biex jara jekk wara li l-haddiema li baghat kienu ghamlu x-xoghol necessarju kienx rega' sofra xi danni ohra, (ara fol 41);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi din l-inizjattiva tal-konvenut ma tistax ghalhekk tittiehed in vacuo u hi ekwivalenti ghas-segwenti:**

**1. Illi hu assuma responsabbilita` personali ghall-akkadut;**

**2. Illi ghalhekk il-preskrizzjoni minnhu sollevata fl-eccezzjonijiet tieghu hi wkoll ghal kollox irrizorja;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghar-rigward tal-kwantum tad-danni sofferti mis-surrogat tas-socjeta' attrici, din il-qorti hi wkoll sodisfatta li s-socjeta' attrici pruvat il-kaz taghha skond il-ligi.**

**Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tirrespingi n-nota ta' l-eccezzjonijiet fuq indikata, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Oliver Ruggier biex ihallas lis-socjeta' attrici GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera CGU Insurance plc ta' Perth, l-Iskozja, u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Caruana, l-ammont ta' elfejn, sitt mija u sitta u sebghin Lira Maltin, (LM2,676.00,0), bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------